MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 373/2005

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fis-17 ta’ Novembru 2005 fejn ġie premess:

Illi l-kontendenti żżewġu fis-sittax (16) ta’ Awissu tas-sena elf, disa’ mija sitta u disgħin (1996) fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta (Dok A);

Illi minn dan iż-żwieġ il-konjuġi B kellhom wild, u ċjoe’ D li twieldet fit-tletin (30) ta’ Mejju tas-sena, elf, disa’ mija, disa’ u disgħin (1999);

Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment u m'għadhiex aktar possibbli peress illi l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' eċċessi, sevizzi, theddid, inġurji gravi u vjolenza psikoloġika fil-konfront ta' martu l-attriċi, kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) b'digriet li jġib in-numru ____/____ datat 22 ta' Lulju 2005 tat l-awtorizżżazzjoni tagħha sabiex jiġu ntavolati proċeduri għal separazzjoni personali, liema digriet ġie prorogat permezz ta' digriet ieħor tal-istess Onorabbli Qorti li jġib in-numru ____/____ datat 24 t'Ottubru, 2005 (Dok B);

Illi t-tentattivi ta' rikonċiljazzjoni ma tawx frott *stante* li l-konvenut rrenda l-ħajja konjugali mpossibbli;

Illi t-tentattivi li saru sabiex tintlaħaq separazzjoni bonarja, inkluż permezz tal-medjazzjoni, ma tawx frott lanqas;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex in vista tal-permess, m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tordna s-seprazzjoni personali bejn il-kontendenti *stante* li ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli għaliex il-konvenut irrenda ruħu ħati ta' eċċessi, sevizzi, theddid, inġurji gravi u vjolenza psikoloġika fil-konfront ta' martu l-attriċi, kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u tawtorizża lill-attriċi tgħix separatament minn ma żewġha l-konvenut;

2. Takkorda lill-attriċi l-kura u kustodja ta' bintha minuri D, b'aċċess favur il-konvenut fil-ġranet u l-ħinijiet li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna li l-attriċi tkompli tgħix u tabita fid-dar matrimonjali numru ____________________________ *(omissis)* li hija proprjeta' parafernali tal-attriċi, flimkien ma' bintha minuri, ad esklużjoni ta' żewġha l-konvenut ;

4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi martu għaliha u għall-minuri D, retta alimentari xierqa u adegwata li tiġi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti skond il-meżżi tal-konvenut u l-bżonnijiet tal-attriċi u ta' bintha minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attriċi fil-ġimgħa jew fix-xahar kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-Qorti, tordna lill-konvenut sabiex iħallas, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, soma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun adegwata u dan skond dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

5. Tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attriċi, il-beni kollha dotali u / jew parafernali tagħha;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

7. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi tal-istess komunjoni tal-akkwisti lill-kontendenti f'dak il-proporzjoni u b'dawk il-modalitajiet li jiġu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

8. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tiegħu a tenur tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, skond ir-riżultanzi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk inkorsi quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), kontra l-konvenut li jibqa' nġunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut C B preżentata fit-13 ta' Marzu 2006 fejn eċċepixxa:

1. Illi huwa jaqbel illi jaqbel illi tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-kontendenti iżda minħabba raġunijiet imputabbli esklussivament lill-attriċi.

2. Illi għar-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri, il-konvenut, jaqbel li f'dan l-istadju din tkun f'idejn l-attriċi, b'dan illi jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi tal-partijiet tul dawn il-proċeduri huwa qiegħed jirriserva d-dritt tiegħu li jieħu ħsieb huwa l-imsemmija minuri u dan kif għamel għal diversi snin.

3. Illi għar-rigward tat-tielet eċċezzjoni, huwa jopponi għal din it-talba *stante* li għalkemm fuq il-kuntratt jidher li din id-dar matrimonjali nxtrat fuq isem l-attriċi, pero' għandu jirriżulta illi din id-dar effettivament hija taż-żewġ partijiet, u dan kif jista' jiġi aħjar ippruvat tul il-kawża.

4. Illi għar-rigward tar-raba' talba, u senjatament fejn l-attriċi qegħda titlob li l-konvenut jħallasha retta alimentarja, l-istess konvenut jopponi għaliha u dan peress li l-attriċi ddekadiet minn dan id-dritt apparti li hija taħdem. Illi għar-rigward tal-minuri D, il-konvenut diġa' qiegħed iħallas is-somma ta' Lm15-il lira fil-ġimgħa, apparti nofs l-ispejjeż li tirrikjedi l-minuri.

5. Illi għar-rigward tal-ħames talba, jekk hemm xi affarijiet parafernali, kemm ta' parti u kemm ta' oħra, dawn jinsabu fir-residenza matrimonjali tagħhom. Il-konenut jixtieq li huwa jieħu l-oġġetti parafernali tiegħu li ġab qabel iż-żwieġ.

6. Illi huwa jaqbel mas-sitt talba;

7. Illu huwa jaqbel ukoll mas-seba' talba basta li dak li hemm fil-komunjoni jew li jiġi dikjarat minn din il-Qorti bħala formanti parti mill-komunjoni jinqasam nofs bin-nofs.

8. Illi huwa jopponi għat-tmien talba, u dan *stante* li huwa ma għamel xejn sabiex jiġi dikjarat illi huwa ddekada mid-drittijiet tiegħu hekk kif kontemplati fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap 16. Fi kwalunkwe każ, huwa jaqbel pero' li jkun hemm id-dekadenza reċiproka f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi b'dan il-mod.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn ġie premess:

Illi l-kontendenti żżewġu fis-16 ta' Awissu, 1996 fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta;

Illi minn dan iż-żwieġ il-konjuġi B kellhom wild, u ċjoe' D li twieldet fit-30 ta' Mejju, 1999;

Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment u m'għadhiex aktar possibbli peress illi l-attriċi rrendiet ruħha ħatja ta' sevizzi, eċċessi, minaċċi, theddid u nġurji gravi fil-konfront tal-konvenut u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi kien hemm diversi tentattivi sabiex din is-separazzjoni ssir amikevolment iżda minħabba l-intransiġenza tal-attriċi din ma seħħitx;

Illi l-konvenut huwa debitament awtorizzat sabiex jipproċedi bl-istanti skond il-liġi;

Tgħid għalhekk l-attriċi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna l-għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenit konjuġi B għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-attriċi ta' sevizzi, eċċessi, minaċċi, theddid, u nġurji gravi kommessi kontra l-istanti kif fuq premess, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabbilment u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tistabbilixxi d-data meta l-istess attriċi għandha tkun kunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda.

2. Tiddikjara illi d-dar matrimonjali tifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti konjuġi B;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti

formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati, waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut liema porzjonijiet għandhom jiġu komposti billi tiġi stabbilita data bħala d-data meta l-attriċi tiġi kkunsidrata li tkun ħatja tal-firda b'tali mod li l-attriċi titlef kull jedd għal kull akkwist magħmul bil-ħila tal-konvenut skond il-liġi u billi l-attriċi tiġi ddikjarata unikament u esklussivament responsabbli għad-dejn u obbligazzjonijiet minnha assunti minn dik id-data, kif ukoll għal kull dejn ieħor assunt in mala fede, u billi l-konvenut jiġi akkreditat b'sehmu spettanti mir-rikavat ta' beni appartenti lill-komunjoni ġja' mibjugħa f'każ li l-attriċi ma tagħtix rendikont sodisfaċjenti ta' tali rikavat, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni;

4. Tapplika kontra l-attriċi interament jew in parti d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48 u / jew 51 sa 55A tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 1984 Ed. tal-Liġijiet ta' Malta);

5. Tordna lill-attriċi sabiex tikkonsenja lill-konvenut fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn dina l-Qorti l-oġġetti kollha dotali u parafernali tal-istess konvenut u fin-nuqqas tiġi kkundannata tħallas lill-konvenut l-valur tagħhom hekk kif jiġu likwidati okkorrendo bl-opera ta' perit nominand.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenzjonata A B preżentata fl-1 ta' Gunju 2006 fejn ġie premess:

1. Illi filwaqt li l-attriċi rikonvenzjonata taqbel mal-pronunzja tas-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan kif jidher mit-talba promotriċi magħmula minnha, titlob li din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut C B *stante* li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u l-ħajja matrimonjali m'għadhiex aktar possibbli bejniethom peress li l-konvenut rikonvenjent C B rrenda ruħu ħati ta' eċċessi, sevizzi, theddid, inġurji gravi u vjolenza fil-konfront ta' martu.

2. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ukoll it-tieni talba rikonvenzjonali *stante* li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tal-attriċi rikonvenzjonata, u dan kif ser jiġi ppruvat mix-xhieda u waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Illi rigward it-tielet talba rikonvenzjonali, filwaqt li l-attriċi rikonvenzjonata taqbel li tiġi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, ma taqbilx li din tiġi maqsuma kif mitlub mill-konvenut rikonvenjent C B in vista tar-responsabbilta' tiegħu għall-ksur taż-żwieġ kif suespost. L-attriċi rikonvenzjonata titlob li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi maqsuma kif mitluba minnha fit-talba promotriċi tagħha.

4. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-raba talba tal-konvenut C B in vista tar-responsabbilta' tiegħu għall-ksur taż-żwieġ kif suespost.

5. Illi rigward il-ħames talba l-attriċi rikonvenzjonata taqbel li l-konvenut C B jieħu lura, jekk hemm, l-affarijiet dotali u parafernali tagħha.

6. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut C B.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Jannar 2007 li permezz tiegħu innominat lill-Avukat Dottor Ludvic Caruana bħala perit ġudizzjarju in sostituzzjoni ta' Dottor Doreen Clarke *stante* li l-istess Dottor Clarke ġiet elevata għall-Maġistratura.

Sussegwentement rat ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Perit Legali, u r-rapport tal-istess Perit preżentat fl-1 ta' Frar 2012 u debitament maħluf;

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-tfal Dr. Tatianne Cassar;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha fosthom dawk rigwardanti manteniment pagabbli lill-partijiet minn żmien għal żmien;

Rat id-digriet tas-6 ta' Lulju 2012 fejn il-kawża tħalliet ghas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma' żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-konvenut infatti ppreżenta kontro-talba fejn huwa wkoll talab is-separazzjoni għall-istess raġunijiet. Il-kawża naturalment kienet kontestata sew u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Matul il-kawża l-Qorti semgħet ukoll lill-minuri *'in camera'*.

**PROVI**

Il-partijiet ressqu diversi xhieda l-aktar familjari u ħbieb a sostenn tal-argument tagħhom. Madankollu biex il-Qorti tagħti idea ta' dawn il-provi, se tagħti biss resokont tal-affidavits rispettivi tagħhom.

*"Permezz tal-affidavit tagħha l-attriċi ddeskriviet kif iltaqgħet mal-konvenut billi kienet laqqagħthom flimkien oħtu F. Hu kien miżżewweġ qabel, meta kien jgħix l-H u kellu erbat itfal bniet. Iltaqghu waqt party u l-mument fejn iltaqgħu hu deskritt 'bħala love at first sight għat-tnejn li aħna'. Kienu tkellmu u saru close ħafna. Il-konvenut kien qalilha li kien ilu xi ħames snin imdejjaq ma' martu u li kellu ħafna dejn fl-H. Wara jumejn li mar lura kien ċempel lill-attriċi biex jgħidilha li telaq lil martu u ma kellux fejn joqgħod. Hi kienet tibgħatlu flus u sigaretti. Fl-1994 il-konvenut ġie jgħix Malta. Ħabiba tal-familja, G, kienet tgħin ħafna lill-attriċi u kienet xtratilha l-karozza _______*

*(omissis) ġdida bin-numru ta' reġistrazzjoni ______ (omissis). Dan huwa fatt li ġie ppruvat permezz tad-dokumenti A u B ippreżentati mill-attriċi. Għaldaqstant jidher illi huwa ppruvat illi G kienet twieżen lill-atrriċi finanzjarjament b'mod mill-aktar ġeneruż. C ġie jgħix Malta f'Novembru tas-sena 1994. L-attriċi għalhekk kienet kriet post fl-Imġarr biex hi u C jkollhom fejn jgħixu. Il-kera kienet tħallasha hi. Ftit wara l-konvenut kien beda jaħdem u ried imur l-H biex jissepara minn ma' martu. L-attriċi tgħid illi kienet ħallsitlu kollox hi sabiex ikun jista' jmur l-H u hi marret miegħu. Huma għamlu ħames xhur l-H jgħixu għand qarib tal-attriċi. Hi kienet taħdem iżda l-konvenut ma kienx jaħdem waqt li kienu l-H.*

*Wara dan il-perijodu fl-H l-kontendenti marru lura f'Malta u bdew jgħixu ġo appartament li kien silifha ħuha. L-attriċi tghid li kienet ħallsitlu elf lira biex iġib l-affarijiet tiegħu mill-H, kif muri permezz ta' Dok. C. Il-kontendenti ma kellhomx flus biex jixtru abitazzjoni tagħhom u ħuha ma setax iżommhom fit-tul. Għal dan il-għan G, ħabiba tal-familja ta' l-attriċi li kienet tgħix fl-Amerka kienet xtratilha l-appartament ta' ħuha biex jibqgħu jgħixu fih hi u C. Il-kuntratt kien sar f'isem l-attriċi biss. Jingħad illi dan sar minħabba illi l-konvenut setgħu jaqbdulu l-assi tiegħu minħabba d-dejn li kellu fl-H. Is-sottoskritt pero' josserva illi bejn il-partijiet m'hemmx qbil dwar dan peress illi l-attriċi tinsisti li G kienet għenet lilha finanzjarjament bħalma kienet tagħmel dejjem filwaqt li l-konvenut isostni li f'dan il-każ kienet qiegħda tgħinhom bħala koppja u tat il-flus lilhom it-tnejn biex jakkwistaw id-dar matrimonjali u b'hekk fil-kuntratt l-attriċi kienet qed tidher f'isimha u kif ukoll bħala prestanome tal-konvenut. Is-sottoskritt josserva illi fl-assenza ta' G mill-każ peress li kienet ġiet nieqsa u minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jibqa' dubju u għaldaqstant f'każ ta' dubju huwa dak li jidher ictu oculi u dak li normalment ikun il-każ li japplika: il-kuntratt jgħajjat lill-attriċi, il-kuntratt sar qabel iż-żwieġ tal-partijiet u għaldaqstant dan l-appartament akkwistat huwa ċarament proprjeta` parafernali tal-attriċi. Il-kuntratt tal-akkwist sar fid-29 ta' Awissu tas-sena 1995 fejn kien ġie trasferit l-appartament numru wieħed (1), fi plot numru disgħa u sittin (69), b'garaxx numru tlieta (3) adjaċenti mal-flat, fi*

*Triq _______________ (omissis) bejn l-attriċi u ħuha għal prezz ta' tlettax il-elf lira Maltin (Lm13,000) mingħajr ma kien hemm bżonn ta' loan. Il-fatt li ma tteħidx loan sabiex jinxtara dan l-appartament huwa evidenti mill-fatt illi fil-kuntratt tal-akkwist il-bank mhuwiex jidher bħala parti fil-kuntratt. Il-konvenut ipprova juża din is-sanction letter f'isem iż-żewġ partijiet bħala prova li l-partijiet kellhom l-intenzjoni li jixtru l-post flimkien. Loġikament wieħed jirrealiżża li tnejn min-nies jistgħu jibdlu fehmithom minn minuta għal oħra u għaldaqstant wieħed ma jistax jippreżumi li l-partijiet baqgħu bl-istess intenzjoni waqt li kien qiegħed jiġi trasferit l-appartament.*

*Matul il-ħajja matrimonjali C kien jaħdem ftit u kien ikollu jibgħat Lm40 biex jaqta' d-djun li kellu lura fl-H. F'paġna 5 ta' l-affidavit tagħha l-attriċi tiddeskrivi kemm ma kellux ħeġġa biex jaħdem:*

*In-nuqqas ta' ħeġġa ta' C biex jaħdem kienet iddejjaqni. Ommu stess darba qaltli li tgħidx kemm hu għażżien.*

*Il-konvenut ma setax iġib annullament għaż-żwieġ tiegħu u għalhekk il-kontendenti ma setgħux jiżżewġu bil-Knisja iżda żżewġu permezz ta' żwieġ ċivili u kienet l-istess G li kienet ħallsitilhom it-tieġ.*

*L-ispejjeż tat-tieġ ħallsithomli kollha G – sala, ikel, souvenirs u kull ħaġa oħra. Ħallsitli weekend break ukoll sabiex jien u C mmorru honeymoon. G kienet qagħdet tiġri miegħi għall-preparamenti kollha (affidavit tal-attriċi paġna 5)*

*Ftit wara li żżewġu l-attriċi kienet ħarġet tqila u korriet. Fl-istess żmien mietet ommha u kienet fi stat verament depress. Il-konvenut mar l-H jara lil uliedu u sadattant hi telgħet l-Amerka għand G.*

*Domt xi xahrejn għandha. Irranġajt ma' C biex aħna u ġejjin lura Malta niltaqgħu l-Ingilterra u ninżlu Malta flimkien. Din is-separazzjoni daqshekk twila fil-bidu taż-żwieġ tagħna ċertament m'għenitx il-ħajja tagħna flimkien.*

*Kif diġa' għidt, ix-xogħol, jew aħjar, in-nuqqas ta' xogħol ta' C dejjem kienet problema li lili kienet tkiddni u tagħtini fastidju. Jiena persuna ħabrieka ħafna u l-apatija ta' C ma kontx niflahha (ibid).*

*F'pagna 6 ta' l-affidavit tagħha l-attriċi stqarret li kienet l-istess G li kienet ukoll xtratilha l-garage numru tlieta (3) li jinsab fi __________________ (omissis), għall-prezz ta' tlettax-il elf lira Maltin u l-kunratt kien sar fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disa' u disgħin (1999) mingħajr ma kien hemm bżonn ta' loan. F'dan il-każ pero`, wieħed irid jikkonsidra l-fatt li l-partijiet kienu issa miżżewġin u għaldaqstant huwa irrilevanti min ħallas għalih u min deher fil-kuntratt peress illi la ġie akkwistat waqt iż-żwieġ mela jappartjeni lit-tnejn ugwalment.*

*It-tifla D twieldet fit-tletin (30) ta' Mejju 1999 prematura u żammewha l-isptar sa Awissu. L-attriċi batiet minn post-natal depression u ddaħħlet l-isptar. Kienu għenuha ħafna żewġha C u ħabiba tagħha I pero' C lil din kien keċċiha. Kien minn hemm li bdew problemi fir-relazzjoni tal-kontendenti.*

…

*Fis-sena 2001 il-konvenut kien għadu mingħajr xogħol fiss. Lill-konvenut kien ħakmu dwejjaq kbir u kien jhedded b'suwiċidju u għalhekk kien beda jieħu xi pilloli fuq preskrizzjoni ta' tabib iżda mbagħad qabad u waqqafhom minn jheddu. Il-konvenut kien jirreġistra għax-xogħol iżda ma kienx juri biżżejjed interess u ma kienx imur għall-interviews. Il-garaxx mixtri fl-1999 kien użah biex xtara racing car u kien nefaq ħafna flus biex ramaha. Il-konvenut imbagħad beda jaħdem għal rasu mill-garaxx pero' lill-attriċi ma kienx jgħidilha kemm ikun qala' biex ikun jista' ma jagħtiha xejn.*

*Ħaġa oħra li kienet iddejjaq lill-attriċi kienet l-għira tal-konvenut:*

*C kien għajjur ħafna għalija. Lanqas kien jieħu pjaċir li ħuti jiġu d-dar. Kien joqgħodli għassa ta' dak li nilbes u naghmel (affidavit tal-attriċi paġna 6).*

*Hi tirrakkonta illi kienet tmur tieħu xi kafe' ma' sħabha, ommijiet ta' tfal ta' l-iskola tat-tifla u għal xi erba' darbiet marret ukoll ladies night iżda l-konvenut kien jgħir, possessiv, iċemplilha l-ħin kollu biex tmur lura. Kienet marret btala fl-Italja għand ħabiba tagħha. Il-konvenut kien iċemplilha f'ħinijiet differenti biex jara tkunx id-dar u tela' ħdejha meta kien bla flus għax kien jgħir. Ir-ritratti msemmijin hawn fuq jippruvaw illi l-konvenut kellu r-raġunijiet tiegħu għalxiex kien jgħir. Hi tirrakkonta illi għalkemm kien jgħir huwa kien beda jittanta nisa oħrajn:*

...

*Meta ġejt lura mis-safar sirt naf li wara ftit li sifirt, C kien beda jibgħat messaġġi lil xi nisa fosthom lill-ħabiba tiegħi J li kien offrilha biex joħorġu għal kafe'. J kienet marret tgħid lil F, oħt C, biex jieqaf jibgħatilha dawn il-messaġġi. C kien qal lil F li dawk il-messaġġi kien bgħathom bi żball imma J kienet qalet li mhux darba biss bagħatilha. Lil dawn in-nisa … C kien jgħidilhom li l-mara tieghu m'għadhiex tajba fis-sodda u li l-mara tiegħu hija 'a big, fat pig'. Dan qaluhuli wħud minn dawn in-nisa stess fosthom K. Ma nafx x'kien għaddej minn moħħu. Il-ħin kollu jrid jara fejn jien u fl-istess waqt jistieden nisa oħra biex joħroġ magħhom.*

*Dan pero' ma ġiex konklużivament ippruvat mill-atti tal-kawża. L-attriċi stqarret ukoll li l-konvenut kien imbagħad sar aggressiv ħafna magħha. Meta ġiet lura mis-safra kienet sabet ħafna ħmieġ u tgħid li flok ma' l-konvenut għenha, huwa qagħad jara t-televixin.*

*X'ħin semgħani ngerger, qam, beda jgħajjat kemm jiflaħ u kisser il-mejda tal-ħġieġ tas-salott. Il-ħġieġ tagħha wasal sa fuq it-tifla li kienet bil-qiegħda fuq is-sufan. Kisser anke r-remote tat-televixin. C kien sejjer għat-television u x'ħin jiena mort inwaqqfu, tani daqqa b'idejh ġo sidri li tgħidx kemm weġġagħni. C jasal u aggressiv. Qabad borza,*

*tefa' xi ħwejjeġ fiha u telaq 'il barra mid-dar. It-tifla baqgħet iċċassata jaħasra. Dak iż-żmien kellha xi tliet snin. Kien hemm demm kullimkien. (affidavit tal-attriċi, paġna 8).*

*Wara dan l-inċident huma ma baqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf iżda l-konvenut wara xi żmien kien wiegħedha li kien se jinbidel u jsib xogħol u hi daħħlitu lura d-dar iżda hu ma nbidilx.*

*Saret xi ħaġa normali li C jgħajjat u jheddidni, jaqbadni minn idejja u jippuntali subgħajh u jgħidli li jrid joqtolni … Baqa' jgħir għalija u ma jħallinix niċċaqlaq mingħajr ma ngħidlu.*

*Il-konvenut baqa' bla xogħol u meta kien ikollu xogħol ma kienx jibża' għalih. L-attriċi tgħid illi ma kien jgħinha f'xejn u kien imur id-dar biss biex jinħasel. Lit-tifla ma kienx jieħu ħsiebha u ma kienx jixtrilha rigali, la f'għeluq żmienha u lanqas fil-Milied. F'Novembru 2004 l-attriċi qaltlu li riedet tissepara. Hija tiddeskrivi illi:*

*"Il-boss tiegħi kien qed imut u kont indur bih lejl u nhar. C kien joqgħod iċempel lill-mara tiegħu biex jara hux vera kont qegħedha hemm u x'ħin nidħol u noħroġ."*

*Hija tallega illi fl-ahhar tas-sena 2004 beda jimla' d-dar bit-tape recorders. Kien jibgħat in-nies isegwu lill-attriċi u l-bintu bil-karozza.*

*"Kien jgħajjarni ħafna fosthom 'qaħba'. Lili u lill-oħtu, peress li konna għadna ħbieb kien jgħajjarna lesbjani."*

*L-attrici tgħid li l-inċidenti ta' aggressivita' minn naħa tal-konvenut kienu komplew jeskalaw. Waqt li oħtu kienet qegħedha tissepara, l-attriċi tagħtha kenn fid-dar tal-kontendenti iżda hu keċċa lil oħtu mid-dar li ma jmurx ir-raġel tagħha jaħseb li qiegħed iżomm magħha.*

*Meta C kien jirrabja, kien jgħidli li ma' min jarani, joqtlu, imbagħad joqtol lili u lit-tifla u wara joqtol ruħu b'idejh biex*

*żgur ma jifdal ħadd minna. Kien jheddidni ta' sikwit b'din il-ħaġa.*

*L-attriċi tiddeskrivi kif il-konvenut kien jheddidha li joqtolha u għalhekk kienet tibża' minnu u kienet tagħmel iljieli ma torqodx bil-biżgħa li jagħmlilha xi ħaġa matul il-lejl. Tgħid li kisser l-għamara biex jara x'kellha f'kexxun imsakkar u li kien iqallbilha qalb l-affarijiet personali tagħha. Kien ukoll żmantella l-konnessjoni tal-cable television. Wara ftit żmien il-konvenut kellu jagħmel operazzjoni u l-attrici ħadet ħsiebu u laqgħatu lura ġod-dar. Huma ppruvaw jirranġaw iżda l-konvenut ried li d-dar titniżżel fuq ismu wkoll u l-attriċi ma riditx. B'hekk reġa' nqala' l-inkwiet bejniethom. Il-kontendenti reġgħhu ġġieldu u kien għalxejn li marru għal marriage counselling.*

*Hija tenfasiżża illi l-konvenut kien jgħir ħafna għaliha:*

*"C qatt ma kien iħallini ndaħħal lil ħadd fid-dar – lanqas membri tal-familja tiegħi. Meta kien jiġi tal-gass u kien ikun irid jeħoduli fil-bitħa, ma kontx nista' ndaħħlu … (affidavit tal-attriċi paġna 15)."*

*Darba ċemplilha fuq il-mobile u qal kliem li jimplikaw li kien se jagħmel suwiċidju. Huma marru u sabu ħafna affarijiet f'darha mkissrin u meta qaltlu li t-tifla ma kenitx hemm huwa qabad lill-attriċi minn ħwejjiġha. Kienu ġew psikjatra u social worker fuq il-post u ħaduh fl-Isptar Monte Carmeli. Huwa baqa' jgħidliha li jekk jaraha ma' raġel ieħor joqtolha. Kien isegwiha. Għadha tgħix fil-biżgħa għax hu għadu jgħix id-dar. It-tifla tbati minn Attention Deficiency Hyperactivity Disorder u hi ma ssib ebda għajnuna minnu.*

*Permezz tal-affidavit ulterjuri tagħha, Dok. X, l-attriċi stqarret li hu pprova jġellidha ma' ħutha u ma' oħtu. Kien u għadu jgħir għaliha. Ma kienx jieħu ħsieb lit-tifla.*

*…*

*Il-konvenut xehed permezz ta' affidavit li ġie ppreżentat fis-16 ta' Marzu 2010. Fih huwa stqarr li kien jgħix l-H*

*minn meta kellu sentejn sas-sena 1994. Iżżewweġ lil L nee' Zammit meta kien l-H. Iż-żwieġ dam sbatax-il sena u minnu kellu erbat itfal bniet. Mill-1989, dan iż-żwieġ beda jiddeġenera u għalhekk fl-1994 ġie Malta sabiex jieħu break minn dan iż-żwieġ u jiddeċiedi dwar il-futur tiegħu. Iddeċieda li jitlaq lil L peress li ma kienx għadu jħobbha. Malli ġiet oħtu u żewġha għalih l-airport għarrafhom li kien se jħalli lil L. Kienu għamlulu party żgħir u aktar tard kienet ġiet għandhom ħabiba ta' oħtu, l-attriċi, li kienet għadha xebba u għalih kien każ ta' "love at first sight". Bdew joħorġu ma' oħtu u r-raġel tagħha u fit-tmien ġimgħat li għamel Malta huma ħabbew lil xulxin. Kien spjega lill-attriċi dwar iż-żwieġ tiegħu, it-tfal u d-dejn li kellu u hi aċċettat kollox. Kien ħalla lill-attriċi billi qalilha li kien se jipprova jirranġa ż-żwieġ tiegħu minħabba t-tfal iżda jekk ma jirnexxilux kien se jerġa' jiġi lura Malta. Malli rritorna l-H mill-ewwel induna li ż-żwieġ tiegħu ma kienx se jissalva u l-għada ċempel lill-attriċi biex jgħidilha. L-attriċi ferħet. Hu feraħ iżda kien imdejjaq li se jħalli lit-tfal warajh. A aċċettat li jiġi jgħix magħha Malta, jċempel lit-tfal darba f'ġimgħa, jmur jarahom l-H għal erba' ġimgħat kull sena u kif tmut omm l-attriċi jemigraw lejn l-H. Hi aċċettat kollox mingħajr riservi u hu serraħ moħħu.*

*Wara tliet xhur, f'Novembru 1994, kien ġie Malta u beda jgħix ma' l-attriċi ġo appartament l-Imġarr ħdejn ta' Soldi li hi kienet kriet. Hu beda jaħdem ma' mekkanik l-Imġarr stess u kien jaqla' Lm 65 – Lm 70 fil-ġimgħa li kien jagħti lill-attriċi u hi kienet tagħtih Lm20 għall-petrol u s-sigaretti. Kienet tħallas il-kontijiet mill-paga tiegħu u jekk ikun hemm bżonn toħroġ xi ħaġa minn tagħha wkoll.*

*Fil-bidu mill-ewwel kienet laqqgħatu ma' G u ħuha M li l-attriċi kienet tajtilhom Auntie u Uncle. Huma kienu ħadu grazzja miegħu. Fit-3 ġimgħat li damu Malta kienu tawhom flus u lilu kienu tawh mal-2000 dollaru li kien ta lill-attriċi peress li hi kienet tieħu ħsieb il-flus. Din G kienet tagħti l-flus lin-nies kull meta kienu joħorġu u hu kien jistagħġeb b'kemm kienet twajba u tħenn. Waqt li kienu qed jgħinuhom jippakkjaw biex imorru lura l-Amerka kienu tawh envelope magħluq. Kienet tat xi flus lill-attriċi wkoll u qaltilhom biex ma jgħidux lil bintha dwar dan. Wassluhom*

*l-airport u tat lill-attriċi Lm200 oħra. Bl-envelope b'kollox kienet tathom Lm5000. Għamluhom il-bank f'isem l-attriċi peress li kienu ftehmu li jagħmlu kollox f'isimha minħabba ż-żwieġ tiegħu. Bdew jaħsbu biex jixtru flat mingħand hu l-attriċi li kien se jixtri d-dar ta' ommu. Kienu sejrin l-H għal sitt xhur u wara kienu se jixtru l-flat.*

*Marru l-H bi flus fuqhom biżżejjed għal sitt xhur u xtraw karozza biex jinqdew hemm. Kellu jħallas xi kontijiet ta' martu bejn 1600 u 2000 dollaru. Il-partijiet pero' ma kienx fadlilhom flus u f'nofs il-vaganza kellu jaħdem għal tnax-il siegħa kuljum. Kien f'dan iż-żmien li ottjena divorzju miż-żwieġ preċedenti tiegħu pero' l-kundizzjonijiet ta' dan id-divorzju kienu li hu kellu jħallas il-personal loans kollha li kien fadal li kienu jammontaw għal madwar għoxrin (20) elf dollaru filwaqt li l-ex mara tiegħu kellha trabbi u tmantni l-ulied. Qabel niżel lura Malta kien biegħ il-karozza għal $1600.*

*Meta marru lura Malta ġew G u Mu tawhom ħafna flus. Ħadu loan sabiex jixtru l-appartament ta' ħu l-attriċi. Qalu lil G u Mu dawn ma ridux li jieħdu loan u tawhom il-flus għall-appartament bil-kundizzjoni li ma jgħidux lil binthom. Huma ħassru l-loan u hu qal lil G biex jitfgħu kollox f'isem l-attriċi minħabba l-ex mara tiegħu. Qal li l-attriċi kienet kitbet dan fid-djarju tagħha.*

*Bejn ix-xhur ta' Ġunju u Lulju tas-sena 1996 ġew G u M Malta flimkien ma' bint G. F'dan iż-żmien il-partijiet kienu bdew ilestu għat-tieġ u G ħallsitilhom it-tieġ. Iżżewġu fix-xahar ta' Awissu tas-sena 1996. Qalgħu ħafna flus rigali. L-attriċi mill-ewwel ħarġet tqila iżda tħabtet u tilfet it-tarbija mat-tliet xhur tqala. Reġgħet ħarġet tqila u twieldet D prematura ta' sitt xhur tqala u t-tarbija damet tliet xhur l-isptar. L-attriċi mbagħad bdiet tbati minn depressjoni, ma riditx tiekol, iżżomm it-tifla u riedet tneħħi ħajjitha u tat-tifla. Darba qabadha b-istereo full on u b'sikkina f'idha u beża' li trid tneħħi ħajjitha. Ħaduha l-psychiatric unit u żammewha. Hu kellu jieqaf jaħdem biex jieħu ħsieb it-tifla. Meta ħarġet mill-isptar għexu ma' ħu l-attriċi għal xahar u nofs. Għamel sena jirreġistra. Kien jagħmel xi xogħol lin-nies, jieħu ħsieb it-tifla, jirranġa l-flat u jieħu t-*

*tifla l-isptar ħdejn l-attrici biex iressaqha lejha. Bdew ġejjin l-affarijiet għan-normal. Oħtu li kienet tgħix l-H ġiet Malta peress li kienet għaddejja minn separazzjoni u l-attriċi bdiet tagħmilha magħha. Kienu joħorġu kuljum bit-tifla u jdumu barra. It-tindif u t-tisjir abbandunathom u ma kienx isibha d-dar wara x-xogħol. Kien isajjar u jiekol waħdu u jistenniha. Kienet tgħidlu li qed tkun il-pjazza tal-Imġarr pero` meta kien ifittixha hemm ma kienx isibha. Party għal birthday tat-tifla għamlitu mingħajr tfal u rġiel, nisa biss. Marru hu u ħuha N xorta iżda n-nisa ma ħadux gost bihom u l-attriċi u mara oħra wara ftit ħin bdew iniżżlu l-qalziet ta' xulxin quddiem it-tifla li kellha tliet snin u quddiem l-irġiel u erba' nisa ppruvaw ineżżgħu lilu. Fil-għaxija l-partijiet kellhom xi jgħidu u kienet qaltlu li hi lesbjana. Għamlu ġimgħa ma jitkellmux. Darba sawtet lit-tifla b'mod estrem u biex iwaqqafha laqat lilha. Għamel ħmistax jorqod fil-garage. Ipprova jirranġa imma xejn ma nbidel. Anke fil-weekend kienet tagħmel l-istess, toħroġ u ma titfaċċax qabel fil-għaxija. Oħtu kienet tinfluenza lill-attriċi u kellu jkeċċiha minn daru. L-attriċi l-għada talbitu separazzjoni. Hu kien issuspetta f'Joe Lucia u martu Nadia li kien ex tagħha għal għaxar snin u ġieli ra lit-tifla fil-gallarija tad-dar ta' dawn in-nies u t-tifla kienet qaltlu li l-karozza tal-attriċi kienet iddaħħalha ġol-garage. Hu talabha jaqsmu l-flus li kellhom il-bank peress li ma kien hemm xejn f'ismu iżda hi qaltlu li l-flus kienu tagħha u li hu ma kellu xejn. Imbagħad bdiet tivvendika ruħha minnu fil-ħajja ta' kuljum. Darba kien muġugħ ħafna bil-ġebla u ma riditx tieħdu l-isptar u kellu jċempel lir-raġel t'oħtu biex jieħdu, żammewh, operawh u spicca l-ITU b'infezzjoni. Kien ħażin ħafna u l-attrici qaltlu li la jiġi lura jirranġaw. Iżda meta kien ħiereġ mill-isptar ma marritx għalih. Meta mar lura għamlu xi erbat ijiem sew iżda mbagħad reġgħet bdiet toħroġ u ddum barra. Wara tliet xhur hekk kien imdejjaq ħafna, ried ineħħi ħajtu, xorob żewgt ifliexken inbid u siker. Kien se jitla' fuq il-bejt u jaqbeż pero' dak il-ħin ġie r-raġel t'oħtu. Ġew il-pulizija u psikjatra u spiċċa ħames ġimgħat Monte Carmeli. Meta mar lura baqgħet tittrattah ħażin. Qabdu uġiegħ f'sidru u żammewh erbat ijiem l-isptar u tawh medikazzjoni għall-qalb u qalulu biex jistrieħ iżda hi kienet tagħmel storbju u ma tħallihx jistrieħ. Kienet taħt l-influenza ta' oħtu u ħbiebha. Hi riedet toħroġ*

*u tgawdi u qatt ma ppruvat tirranġa. Għamlu appuntament ma' marriage counsillor fuq inkoraġġiment tal-medjatur iżda marret darba biss.*

*Hi kienet tidħol lura d-dar mal-partner tagħha O fis-6:00 a.m. Kienet tħalli lit-tifla bin-nieqes f'neċessitajiet u tibgħatha għand missierha biex jixtrilha u ma kinitx tħalliha tasal l-iskola fil-ħin. Kienet tagħtiha ħafna punishments u kienet tħalliha barra tistenniha għax ma kenitx tkun id-dar x'ħin tigi t-tifla mill-iskola. Meta l-Qorti tagħtu l-kustodja tat-tifla kien jieħu ħsiebha kif suppost. Jistenniha d-dar, isajrilha, għamlilha ċ-ċwievet tad-dar eċċ. Jgħid li l-attrici saret vjolenti u aggressiva lejh u kienet iddaħħal il-partner tagħha d-dar. Hi riedet tgħix fid-dar matrimonjali mal-partner u rnexxielha tkeċċi lill-konvenut u l-Qorti tagħtu biss xahar ċans biex jagħmel dan. Ostakolatu meta ġie biex jieħu ħwejġu u tat-tifla. It-tifla kienet tibża' minn ommha li kienet iċċemplilha biex tiġġieled magħha u kienet tispiċċa tagħmel pipi taħtha. Talab l-għajnuna tal-Appoġġ u l-attriċi waqqfet kull kuntatt. Ġieli kienet issuq warajhom. Hu pprova jipperswadiha li d-dar tat-tnejn. Hi qaltlu li l-karti hu dak li jgħodd u li hu njorant jekk ħaseb li l-ftehim verbali tagħhom kien jgħodd."*

**TORT**

Kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ infatti jaddebitaw eċċessi, sevizzi, theddid, inġurji gravi u vjolenza psikoloġika fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali f'dan l-aspett, u ċjoe' illi l-partijiet huma ħatja ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin bħala kawża għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom, u dan joħroġ ċar minn fol 874 *et sequitur* tal-proċess u huwa ukoll ovvju anke *prima facie*, illi bejn il-partjiet hemm inkompatibilita' ta' karattru li jwassal għat-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ.

Illi kien għalhekk illi kif qalet il-Qorti f'kawża deċiża fit-13 ta' Ġunju 1967 illi l-partijiet spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* **("Caterina Agius vs Benedict Agius"**

– Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967). F'dan il-każ ma hemmx dubju li l-partijiet jaħtu fl-istess manjiera għat-tifrik taż-żwieġ. Barra minn dan jirriżulta mingħajr kontestazzjoni li ż-żewġ partijiet huma issa f'relazzjoni ma' persuni oħra t-tnejn li huma.

**KURA U KUSTODJA**

Illi fil-kors tal-kawża, wara ċertu żmien il-minuri marret tgħix ma' missierha u mill-mod kif stqarret l-istess minuri mal-Qorti, ma hemmx dubju li hija għandha tibqa' tgħix miegħu. Pero' l-Qorti jiddispjaċiha għall-fatt li minħabba ċ-ċirkostanzi t-tifla tidher li ma tridx iżżur lil ommha. Dan indubbjament ġara minħabba kif żvolġew l-affarijiet u għalhekk l-attriċi jibqagħlha mhux mittiefes id-dritt tal-aċċess.

**MANTENIMENT**

Illi minħabba f'dak li ntqal il-partijiet iddekadew reċiprokament mid-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.

Illi għandu jingħad illi l-Qorti fil-kors tal-kawża kienet tat digriet fejn akkordat manteniment nominali li l-attriċi għandha tħallas bħala manteniment. Għal raġunijiet purament legali l-Qorti se żżomm din il-pożizzjoni ferma, anke minħabba d-dħul żgħir li għandha l-attriċi. Għandu jingħad li l-partijiet issa għandhom impjieg it-tnejn li huma wara li għal ħafna żmien il-konvenut kien diżokkupat.

**PROPRJETA'**

**Beni immobbli**:

Illi d-dar matrimonjali **69 Flat 1 Triq il-Vanilja Mgarr** ġiet akkwistat ċirka sena qabel ma l-partijiet iżżewġu u l-kuntratt sar mill-attriċi waħedha. Dan kien punt kontestat ħafna għaliex il-konvenut isostni li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jixtruha flimkien u anke applikaw għal self mill-bank flimkien u kien bil-ġenerosita' ta' G, illum mejta (li l-attriċi ssejħila *"auntie"*), li ma kellhomx bżonn dan is-self.

Jgħid ukoll li huwa ma deherx fuq il-kuntratt minħabba d-djun li kellu l-H speċjalment bil-pretenzjonijiet tal-ex-mara tiegħu (li minnha ddivorzja fl-H wkoll). L-attriċi da parti tagħha tgħid li l-istess G tatiha l-flus biex l-appartament tixtrih hi.

Illi fuq il-prinċipju ndikat mill-artikolu 562 tal-Kap. 12, huwa min jallega li jrid jipprova; ***onus probandi incubit ei qui dicit non ei negat***; u għalhekk il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali, li l-konvenut ma ġabx provi biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li dak li qed jgħid huwa minnu. Huwa fatt pruvat mill-banda l-oħra li l-kuntratt jgħajjat lill-attriċi u li G kienet ġeneruza ħafna magħha. Għalhekk il-Qorti se tiddikjara l-fond imsemmi proprjeta parafernali tal-attriċi.

Illi hemm ukoll **garage numru** ____________________ *(omissis)* illi għandu jinbiegħ u r-rikavat jinqasam billi nxtara matul iż-żwieġ.

**Beni mobbli:**

**Vetturi –** Il-vettura _________ *(omissis)* ġiet akkwistata mill-attriċi qabel iż-żwieġ u kwindi hija parafernali tagħha. Hemm vetturi, dgħajsa u nġenji oħra f'isem il-konvenut li dwarhom ma saret ebda valutazzjoni; il-Qorti jidhrilha li dawn għandhom jiġu assenjati lill-konvenut billi nxtraw biex jużahom hu. Kif ġja' ngħad ma saret ebda stima u l-Qorti se tassenjahom lill-konvenut mingħajr ma tordna ekwiparazzjoni għaliex jirriżulta li l-attriċi ħarġet somom konsiderevoli ta' flus mill-bank fl-1999 u 2000 li tagħhom ma tatx spjegazzjoni għal kollox sodisfaċenti.

Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entitajiet varji naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendi kif għandhom jinqasmu ukoll fl-istess miżura kull depożiti oħra bħall-flus depożitati l-Qorti jekk hemm.

L-attriċi ħallset is-somma ta' Lm907.89 – ekwivalenti għal elfejn, mija u erbatax-il Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu

(€2114.81) biex inġiebu l-mobbli li l-attur kellu l-H; għalhekk qed titlob ġustament li teħodhom lura.

**DEĊIŻJONI**

**Illi l-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort ugwali bejn il-partijiet u tawtorizżahom jgħixu separatament;**
**2. Tiċħad it-tieni talba;**
**3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara l-proprjeta' msemmija bħala parafernali tal-attriċi, u għal kull buon fini tawtorizżaha tgħix waħedha ġo fiha;**
**4. Tiċħad ir-raba talba;**
**5. Tilqa' l-ħames talba u tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elfejn, mija u erbatax-il Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€2114.81);**
**6. Tilqa' s-seba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti b' effett immedjat;**
**7. Tilqa' s-seba' talba u tordna li l-fond, garage numru ______________________** *(omissis)* **jinbiegħ taħt l-awtorita' tal-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; tordna li jinqasmu ugwalment ukoll il-kontijiet kollha bankarji, Maltin u esteri u flejjes kollha depożitati f'xi istituzzjoni oħra kompriż il-Qorti, f'isem il-partijiet sija waħedhom u sija flimkien; vetturi,** ***'boat'*****, u inġenji jibqgħu f'isem il-parti li f'isimha huma reġistrati;**
**8. Tilqa' t-tmien talba.**
**Kwantu għall-kontro-talba;**
**1. Tilqa' l-ewwel talba, dejjem b'tort taż-żewġ partijiet indaqs;**
**2. Tiċħad it-tieni talba;**
**3. Tilqa' t-tielet talba skond kif indikat aktar qabel;**
**4. Tilqa' r-raba' talba;**
**5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aħħar talba billi ma nġabux provi fir-rigward;**
**6. Għalkemm ma hemmx talba fir-rigward,** ***ai termini*** **tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-**

**kura u kustodja tal-minuri D B tibqa’ għand il-konvenut; iżda l-attriċi jkollha aċċess darba fil-ġimgħa għal sagħtejn, jekk hemm bżonn taħt superviżjoni, u tordna lill-attriċi tħallas manteniment lill-konvenut għall-istess minuri bir-rata ta’ ħamsa u għoxrin Euro (€25) fix-xahar; *rebus sic standibus*.**

**L-ispejjeż tal-kawża a kariku taż-żewġ partijiet fi kwoti indaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------